TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 199/15-F

George Frendo
Vs
DRM Autoparts – Daniel Mizzi

Illum, 24 ta' Frar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-13 ta' Ottubru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta'tmiem mitt Ewro (€800) rappreżentati prezz ta' gearbox li wara li twaħħlet irrizultat li kienet difettuża.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara gearbox mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' €800.

L-intimat qal illi l-mechanic kellu jimla' ż-żejt fil-gearbox ta' livell mixtieq u ġara l-ħsara wara li mlijha biż-żejt. Għalhekk il-ħsara ġrat tort tal-mechanic li kien se jwaħħal din il-gearbox.

**It- Tribunal jinnota illi:**

Il-mechanic hu wieħed kwalifikat u meta sema' x-xhieda tiegħu ikkonkluda li kien kapaci jbiddel il-gearbox.

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li l-mechanic ma għamel xejn ħazin, iżda l-gearbox kienet waħda difettuża.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi billi jordna s-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' tmiem mitt Ewro (€800) bl-ispejjes kontra l-istess socejta intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**